**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Jannar 2017**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 582/16 JZM**

**Is-socjeta` "GSD Marketing Limited" (C3774)**

***kontra***

**(1) Jade Limited (C9145);**
**(2) John u Beverley Jane konjugi Tanti (K.I. Nru: 110757M u 54002L rispettivament)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fil-15 ta` Lulju 2016 li jaqra hekk:–

*Illi s-socjeta` "The General Soft Drinks Company Limited" (C1591) ikkoncediet self ta` tlieta u hamsin elf, seba` mija, sebgha u hamsin euro (€53,757) lis-socjeta` konvenuta permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario*

*Rosario Bonello tal-erbgha u ghoxrin (24) ta` Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), hawn allegat bhala Dok. "A".*

*Illi l-konvenuti l-ohra kkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta` konvenuta permezz ta` l-istess att.*

*Illi s-socjeta` "GSD Marketing Limited" (C3774) ta` Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000 giet assenjata d-drittijiet kreditizji tas-socjeta` "The General Soft Drinks Company Limited" (C1591), b`liema assenjazzjoni l-konvenuti gew debitament notifikati ghall-fini u effetti kollha tal-ligi permezz tal-ittra ufficjali numru 1190/15.*

*Illi t-termini ta` hlas ta` l-istess self ma gewx irrispettati u ghaldaqstant, is-socjeta` konvenuta tilfet il-beneficcju tat-terminu. Il-bilanc fuq l-istess self illum huwa fl-ammont ta` tnejn u tletin elf, tmien mija u sebgha u disghin euro sebgha u sebghin centezmu (€32,897.77) u dana kif jirrizulta mir-resokont hawn allegat u mmarkat bhala Dok. "B".*

*Illi inoltre s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici l-ammont ta` disat elef, disa` mija u sebgha u sittin euro, u erbgha u tletin centezmu (€9,967.34) ghall-bejgh u kunsinna ta` xorb skont ir-resokont hawn allegat bhala Dok. "C".*

*Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, is-somma globali ta` tnejn u erbghin elf, tmien mija u hamsa u sittin euro u hdax-il centezmu (€42,865.11) hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti m`ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta` dan id-debitu.*

*Ghaldaqstant jghid ghalhekk il-konvenuti noe et noe ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex in vista tas-suespost:*

- *Tiddispensa s-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta); u*

- *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta` €42,865.11 rapprezentanti l-bilanc mis-self sucitat, bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali numru 1190/2015 u 2689/2015 u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru (sic)/16 li qed jigi pprezentat kontestwalment ma` dina l-kawza u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenuti.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti prezentati mar-rikors guramentat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota li l-konvenuti Jade Limited u John Tanti proprio pprezentaw fl-udjenza tal-lum fejn ammettew it-talbiet attrici kif dedotti.

Rat illi l-konvenuta Beverley Jane Tanti ma dehritx ghall-udjenza tal-lum.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuti Jade Limited u John Tanti proprio tat-talbiet attrici kif dedotti, kif ukoll in vista tal-assenza tal-konvenuta Beverley Jane Tanti ghall-udjenza tal-lum, qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` tnejn u erbghin elf tmien mija hamsa u sittin Ewro hdax-il centezmu (€42,865.11) rapprezentanti bilanc dovut lilha kif fuq inghad, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali numru 1190/2015 u 2689/2015 u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju li kien ipprezentat kontestwalment mar-rikors gurament, u bl-imghaxijiet kif mitluba.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**